

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 108(2) u 266 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, billi l-Kummissjoni rrifjutat li testendi l-proċedura ta' investigazzjoni formali wara l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/611/KE, tat-8 ta' Lulju 2008 ⁽¹⁾, permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2012, mogħtija fil-Kawża T-565/08, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni ⁽²⁾.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107 TFUE, tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif ukoll fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, billi l-Kummissjoni qieset li l-prezz negattiv tal-bejgħ kien jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
3. It-tielet motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, billi l-Kummissjoni qieset li l-kontribuzzjoni ta' kapital ta' EUR 8,75 miljun kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
4. Ir-raba' motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, billi l-Kummissjoni qieset li l-miżuri ta' għajjnuna għall-individwi fl-ammont ta' EUR 38,5 miljun kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat.
5. Il-ħames motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni eżaminat il-kompatibbiltà tal-bilanċ ta' EUR 15,81 miljun, imħallas bħala għajjnuna għar-ristrutturazzjoni fl-2002, konġuntament mal-miżuri kollha tal-2006.
6. Is-sitt motiv, invokat iktar sussidjarjament, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, billi l-Kummissjoni ddikjarat l-għajjnuna għar-ristrutturazzjoni mħallsa fl-2002 u fl-2006 inkompatibbli mas-suq komuni.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/611/KE, tat-8 ta' Lulju 2008, dwar il-miżuri C 58/02 (ex N 118/02) li Franza implimentat favur is-Société Nationale Maritime Corse-Méditerranée (SNCM) [innotifikata bin-numru C(2008) 3182] (ĠU 2009, L 225, p. 180).

⁽²⁾ Sentenza tal-11 ta' Settembru 2012, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, Ġabra, EU:T:2012:415).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2014 – Alban Giacomo vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-259/12) ⁽¹⁾

(2015/C 056/41)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 227, 28.07.2012.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2014 – Teva Pharma u Teva Pharmaceuticals Europe vs EMA

(Kawża T-547/12) ⁽¹⁾

(2015/C 056/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 46, 16.02.2013.
